**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 1712/01 AE**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anna Maria Bugeja u l-istess Anna Maria Bugeja**

**Vs**

**Mauro Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm505.28), rizarciment ta' danni minnhom sborsati

bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' April 2001 gewwa l-Gzira meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura LAG 763 habat mal-vettura bin-numrru DBF 798 propjeta ta' l-attrici Anna Maria Bugeja u misjuqa minn Anthony Bugeja, ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 6) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fl-14 ta' April 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq Regjonali, Gzira bejn il-vettura tal-marka Isuzu (LAG 763) misjuqa mill-konvenut u vettura tal-marka Mazda (DBF 798) misjuqa minn Anthony Bugeja. Il-vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni.

2. Jibda biex jinghad li l-konvenut xehed: ***"il-habta jiena ma rajthiex issehh. Smajtha biss. <u>Jiena fl-ebda stadju ma rajt il-karrozza tal-attrici</u>"*** (xhieda moghtija fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2002). Ix-xhieda tal-konvenut ma tistax titfa' dawl dwar dak li gara. Anzi pjuttost tikkonferma li l-konvenut ma kienx attent ghal dak li kien qieghed jigri madwaru.

3. Min-naha l-ohra s-sewwieq tal-vettura Mazda (DBF 798) u l-attrici (li kienet passigiera fl-istess vettura) kkonfermaw li l-karrozza taghhom kienet tinsab fil-karreggjata tan-nofs. Mix-xhieda taghhom irrizulta wkoll li ftit qabel Anthony Bugeja kellu jattira l-attenzjoni tal-konvenut li baqa' hiereg ghal fuq Triq Regjonali mit-triq sekondarja li twassal ghal Zammit Clapp.

4. Il-hsara fiz-zewg vetturi hija iktar konfacjenti mal-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konjugi Bugeja. Il-fatt li l-vettura misjuqa minn Anthony Bugeja spiccat mar-roundabout, ma jfissirx b'daqshekk li huwa kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq meta sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi. Fil-fatt, Anthony Bugeja spjega li *"bid-daqqa jiena tlift il-kontroll u gbidt fuq in-naha tal-lemin u waqaft"*. Anna Maria Bugeja kkonfermat li: *"bid-daqqa l-karrozza taghna iccaqalqet naqra u r-ragel tieghi gibed ghal fuq il-lemin"*. It-Tribunal jifhem li kieku l-habta grat minhabba li s-sewwieq tal-vettura Mazda

(DBF 798) qasam mill-karreggjata ta’ barra ghal dik tan-nofs, il-vettura ma kenitx tispicca mar-*roundabout* kif muri fl-iskizz a fol. 25.

5. Mill-assjem tal-provi t-Tribunal huwa moralment konvint li l-incident sehh meta l-konvenut bidel id-direzzjoni u gibed ghal fuq il-karreggjata li dak il-hin inzertat ghaddejja minnha l-vettura ta’ l-attrici.

6. Id-danni reklamati ma gewx kontestati u jirrizultaw gustifikati.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u:

1. Jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fl-14 ta’ April 2001 gewwa Triq Regjonali, Gzira.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u hames liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm505.28) [in kwantu ghal Lm464.03 lis-socjeta Elmo Insurance Agnecy Limited noe u Lm42.25 lil Anna Maria

Bugeja], bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Awissu 2001.

Bl-ispejjez (inkluzi drittijiet professjonali) kollha kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**